# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Settembru 2020**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1118/2017 JVC**

**Abdulsattar Al Mohamed, detentur tal-Passaport Sirjan Numru 002738631 u martu Legi Ningrum, detentrici tal-Passaport Indonezjan bin-numru AT 574271 ghan-nom u in rapprezentanza ta' binthom minorenni Sara Khalil Khalef (numru ta' registrazzjoni tac-certifikat tat-Twelid Malti 5729 tas-sena 2014)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Abdulsattar Al Mohamed et pro et noe kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi l-minorenni Sara Al Mohamed twieldet f'Tal-Qroqq, Msida nhar is-16 ta' Jannar 2014 u dan it-tweldit gie debitament registrat bin-numru ta' iskrizzjoni 5729/2014 (Dok. 'A');

2. Illi fuq l-imsemmi Att tat-Twelid, fil-kolonna intestata 'isem u kunjom u post tat-twlid tal-missier', isem u kunjom missier l-esponenti huwa mnizzel bhala *Abdesatar Khalil Khalaf (Bagdad Iraq);*

3. Illi madanakollu, u dan kif ser jigi pruvat waqt is-smigh tal-kawza, l-isem ta' missier il-minorenni huwa Abdulsattar Al Mohamed mentri l-post tat-twelid tieghu huwa Edlib Syria;

4. Illi l-minorenni ilha hajjitha kollha tuza l-isem u l-kunjom Sara Al Mohamed bhala l-isem u l-kunjom li bihom tigi msejha u hija maghrufa u ilha konsistentement imsejha u hi maghrufa bl-isem u l-kunjom *Sara Al Mohamed* mill-familja taghha, u kif ukoll minn qrabha;

5. Illi dan il-fatt huwa kkorroborat mill-karta ta' l-identita` ta' Abdulsattar Al Mohamed li kien juza fis-Syria (Dok. 'B'), passaport antik li kien juza fis-Syria (Dok. 'C'), il-karta tal-identita' mahruga mir-Refugee Commissioner tieghu (Dok. 'D'), mill-permess ta' residenza mahrug minn Identity Malta (Dok. 'E'), mill-kotba tal-familja ta' omm, missier u ta' Abdulsattar Al Mohamed (Dok. 'F') u kif ukoll c-certifikat

taz-zwieg tal-esponenti (Dok. 'G') u l-ahhar passaport ta' Abdulsattar Al Mohamed mahrug mis-Sirja (Dok. 'H');

6. Illi fil-fatt, hut il-minorenni, u cioe' il-minorenni Murad u l-minorenni Nadia huma ukoll maghrufa bil-kunjom 'Al Mohamed' u dan skond ma jidher mic-certifikat tat-twelid taghhom hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'I' u Dok. 'J';

6. Illi l-esponenti ghandhom interess illi l-Att ta-Twelid tat-tifla Sara jkun jirrifletti l-isem u l-kunjom li hi u l-familja taghha konsistentement juzaw bhala l-isem u l-kunjom li bih tissejjah u li hi maghruf, u cioe' *Sara Al Mohamed*;

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza u dana a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Illi l-fatti hawn fuq esposti huma kollha maghrufa lill-esponenti personalment;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi jghid l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja li tordna l-hrug tal-avviz ai termini tal-Art 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u prevja ukoll dawk il-provvedimenti kollha li jidrilha opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti hija maghrufa bl-isem u l-kunjom Sara Al Mohamed;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tar-rikorrenti billi jigi annotat li r-rikorrenti hija maghruf bhala *Sara Al Mohamed*;

3. Taghti kull provvediment iehor opportun u necessarju sabiex issir ir-registrazzjoni u konsegwenti emenda fl-Att tat-Twelid tal-esponenti a tenur tat-tieni talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, min issa imsejjah ghas-subizzjoni tieghu'.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla hsara ghal premess u in vena preliminari ukoll, huwa essenzjali ghall-integrita' tal-gudizzju li jigi mitlub ai termini tal-Artikolu 175 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens illi l-minuri ghandha tidher bhala *'Sara Khalil Khalef'* u mhux bhala *'Sara Al Mohamed'*, u dan stante li l-ewwel isem huwa dak li jappartjeni lilha skont l-Att tat-Twelid taghha li jgib in-numru 5729/2014;

3. Illi subordinatament u bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponenti tirrileva li mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

4. Illi fir-rikors promotur qed jigi mitlub sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti hija maghrufa bl-isem u l-kunjom *'Sara Al Mohamed'* u dan mentri li fl-Att tat-Twelid taghha r-rikorrenti, liema Att jgib in-numru progressiv, 5729/2014, tidher li inghatat l-isem ta' *'Sara'* u l-kunjom ta' *'Khalil*

*Khalaf'*. Ghaldaqstant il-kwistjoni fil-proceduri istanti tirrigwarda korrezzjoni fil-kunjom tar-rikorrenti;

5. Illi r-rikorrenti qed issosstni li d-dettalji rigward missierha fil-Att tat-Twelid taghha huma skorretti u dan ghaliex missierha ma jismux *'Abdesatar Khalil Khalaf'* u lanqas ma twieled f'*Bagdad, Iraq'*, izda jismu *'Abdulsattar Al Mohamed'* u twieled gewwa *'Edlib, Syria'*. Fil-fatt hija pprezentat numru ta' dokumenti sabiex tikkorrabbora dan;

6. Illi nonstante s-suespost, ghat-talba kif dedotta l-esponenti teccepixxi primarjament illi Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

7. Illi sussegwentament tajjeb li jigi sottolinejat illi fid-*'Declaration for Notification of Birth'*, hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 1', gie ddikjarat miz-zewg genituri tar-rikorrenti illi missier ir-rikorrenti kien proprju '*Abdesatar Khalil Khalaf'* u ghaldaqstant r-rikorrenti kellha tassumi ai termini tal-ligi kunjom missierha u cioe' *'Khalil Khalaf'*. Tali dikjarazzjoni fil-fatt gie ukoll iffirmata mill-istess genituri, kif jidher car mill-istess dokument;

8. Illi ma' tali dikjarazzjoni gew ukoll forniti lill-ufficjali tad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku: (i) il-Passaport Indonezjan tal-omm u cioe' ta' Legi Ningrum, liema dokument jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2', kif ukoll, (ii) il-Karta tal-Identita' Taljana tal-missier, li juri li l-missier jismu Abdesatar Khalil Khalaf, li twieled f'Bagdad gewwa l-Iraq, liema dokument jinsab ukoll hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 3';

9. Illi barra minn hekk, gie ukoll ddikjarat taht gurament mill-omm tar-rikorrenti, proprju dakinhar li saret tali dikjarazzjoni tat-twelid ta' Sara Khalil Khalaf, li *'I'm Legi Ningrum and I'm single',* liema dikjarazzjoni guramentata tinsab hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 4'. Ghal tali raguni, ir-rikorrenti fl-Att tat-Twelid taghha, ma giex imnizzel illi meta twieldet hi, l-genituri taghha kienu mizzewgin;

10.Illi ghal tali informazzjoni, l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti gie mahrug mid-Direttur konvenut skont l-informazzjoni li giet pprovduta lilu. Fl-istess waqt l-esponenti tkompli tissottometti illi fil-proceduri istanti fir-rigward tal-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, l-esponenti hija tal-umli fehma illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli u dan ghaliex kienu proprju Abdesatar Khalil Khalaf u Legi Ningrum illi iddikjaraw l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, u ghal dawn il-fini d-dikjaranti stess kienu iffirmaw l-Att in kwistjoni, liema Att jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 5'. Ghaldaqstant, gialadarba Abdesatar Khalil Khalaf u Legi Ningrum, id-dikjaranti fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, accettaw l-informazzjoni inserita minnhom fl-Att tat-Twelid u sussegwentament kkonfermaw illi tali informazzjoni kienet wahda korretta permezz tal-firma taghhom, dan kollu ma jirrizultax illi b'hekk kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku;

11.Illi bla pregudizzju ghal premess, meta wiehed jevalwa d-dokumenti pprezentati mir-rikorrenti u dawk id-dokumenti li qed jigu pprezentati permezz ta' din ir-risposta, l-esponenti hija tal-umli fehma li ghandna sitwazzjoni kemmxejn preokkupanti u dan stante li d-dokumenti pprezentati mir-rikorrenti u dawk tal-

esponenti ma jaqblu f'xejn. Dan ifisser li ghandna persuna, u cioe' missier ir-rikorrenti, li meta ddikjara it-twelid tar-rikorrenti pprezenta u forna informazzjoni li ma taqbel xejn ma' dawk id-dokumenti u informazzjoni li gew pprezentati lid-Direttur konvenut fid-dikjarazzjoni ta' uliedu l-ohra u cioe' ta' Murad u Nadia Al Mohamed;

12.Illi f'tali cirkostanzi, l-esponenti hija tal-umli fehma illi t-talba kif dedotta mir-rikorrenti ma timmeritax li tigi milqugha u ghaldaqstant l-esponenti toggezzjoni ghal korrezzjoni kif mitluba mir-rikorrenti;

13.Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi m'ghandhiex tigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

14.Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra l-attrici li qieghda tigi ingunta in subizzjoni'.

Rat l-affidavits, xiehda, passaporti esteri, family book, rapport dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti ;

Rat illi b'referenza ghat-tieni eccezzjoni tad-Direttur intimat il-Qorti kif diversament preseduta tat digriet fis-seduta ta' nhar it-22 ta' Frar, 2018 fejn laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni tal-okkju billi l-isem hemm indikat ta' Sara Al Mohamed gie korrett ghal Sara Khalil Khalef;

Rat in-nomina ta' Nadia Lanzon permezz tad-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 26 ta' Gunju, 2018 sabiex tittraduci d-dettalji riferibbilment ghall-kunjom tal-attur mill-kopji

esebiti tal-family book u rat ir-rapport taghha esebit fl-atti a fol. 81 *et seq* tal-process;

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 2019 gew allegati l-atti tar-rikors numru 178/17 intavolati quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili;

Rat illi fil-verbal tat-2 ta' Lulju, 2019 Dr Carl Grech ghar-rikorrenti talab lill-Qorti sabiex tordna komunika lil Nadia Lanzon sabiex b'nota guramentata tiddikjara jekk taghmilx differenza jekk minflok kunjom il-minuri ghandu jkun indikat 'Al Mohamad' kif indikat fir-rapport taghha, l-kunjom jinkiteb 'Al Mohamed', bhal ma jirrizulta l-kunjom ta' missierha u rat in-nota guramentata ntavolata nhar id-9 ta' Lulju, 2019 a fol. 118 *et seq* tal-process;

Rat illi fil-verbal tal-1 ta' Lulju, 2020 il-kawza gie differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi din hija kawza ntavolata ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li biha r-rikorrenti qed jitolbu li jigi dikjarat u deciz li binthom hija maghrufa bl-isem u l-kunjom ta' Sara Al Mohamed u sussegwentament jigi ordnat sabiex id-Direttur intimat jaghmel annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 5729 tas-sena 2014 billi isem u kunjom binthom minuri tkun maghrufa bhala '*Sara Al Mohamed*'. Intalab ukoll li din il-Qorti ghandha taghti kull provvediment iehor opportun u necessarju sabiex issir ir-registrazzjoni u konsegwenti emenda fl-Att tat-Twelid taghha.

Illi min-naha tad-Direttur intimat eccepixxa preliminarjament illi tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Preliminarjament ukoll eccepixxa li ghall-integrita tal-gudizzju ghandu jigi mitlub korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens li l-minuri ghandha tidher bhala Sara Khalil Khalef u dan ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Fil-mertu eccepixxa li mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat. Id-Direttur intimat sostna li fir-rikors promotur intalab li jigi dikjarat u deciz li l-esponenti hija maghrufa bl-isem u l-kunjom ta' 'Sara Al Mohamed' u dan meta fl-Att tat-Twelid taghha bin-numru progressiv 5729 tas-sena 2014 tidher li nghatat l-isem ta' 'Sara' u l-kunjom ta' 'Khalil Khalaf', ghaldaqstant il-kwistjoni tirrigwarda korrezzjoni fil-kunjom tar-rikorrenti. Id-Direttur intimat sostna li d-dettalji rigward missierha fl-Att tat-Twelid huma skorretti u dan ghaliex missierha ma jismux 'Abdesatar Khalil Khalaf' u lanqas ma twieled f''Bagdad, Iraq', izda jismu 'Abdulsattar Al Mohamed' u twieled gewwa 'Edlib, Syria', u dan huwa kkonfermat minn diversi dokumenti. Id-Direttur intimat ghalhekk eccepixxa li l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti. Id-Direttur intimat issottolinea li kienu z-zewg genituri tar-rikorrenti li fid-'Declaration for Notification of Birth' indikaw id-dettalji tal-missier bhala tali, u, ma' tali dikjarazzjoni fornew diversi dokumenti. Di piu' gie wkoll dikjarat taht gurament mill-omm tar-rikorrenti dakinhar li saret id-dikjarazzjoni li hija single u ghal tali raguni lanqas tnizzel li l-genituri tal-minuri kienu mizzewga. Sostna li s-sitwazzjoni hija kemmxejn preokkupanti

stante li d-dokumenti pprezentati mir-rikorrenti u dawk minnu pprezentati ma jaqblu f'xejn u ghalhekk f'tali cirkostanzi d-Direttur intimat sahaq li t-talba kif dedotta ma timmeritax li tigi milqugha. Finalment huwa sahaq li l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tieghu u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza.

**L-Ewwel Eccezzjoni Preliminari:**

Illi d-Direttur intimat fl-ewwel eccezzjoni preliminari eccepixxa li b'ordni tal-Qorti ta' l-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza huwa mehtieg li ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-atti jirrizulta li d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret nhar it-22 ta' Dicembru, 2017 u prova ta' dan giet esebita fl-atti a fol. 26 tal-process. Il-primo appuntamento tal-kawza sar nhar it-22 ta' Frar, 2018 u ghalhekk l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret entro it-terminu preskritt fl-Artikolu 254 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghaldaqstant din l-ewwel eccezzjoni preliminari hija ezawrita.

**It-Tieni Eccezzjoni preliminari:**

Fit-tieni eccezzjoni preliminari d-Direttur intimat eccepixxa li huwa essenzjali ghall-integrita' tal-gudizzju li jigi mitlub ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens illi l-minuri ghandha tidher bhala 'Sara Khalil Khalef' u mhux bhala 'Sara Al Mohamed', stante li l-ewwel isem huwa dak li jappartjeni lilha skont l-Att tat-Twelid taghha bin-numru progressiv 5729/2014.

Illi b'referenza ghal din l-eccezzjoni l-Qorti kif diversament preseduta nhar it-22 ta' Frar, 2018 iddegretat billi laqghet it-talba u ordnat l-korrezzjoni fl-okkju biex l-isem 'Sara Al Mohamed' gie dak ta' 'Sara Khalil Khalef'. Ghaldaqstant din it-tieni eccezzjoni preliminari giet sorvolata.

**<u>Fil-Mertu:</u>**

Illi r-rikorrenti Abdulsattar Al Mohammed fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 45 u fol. 46 tal-process spjega r-raguni wara l-inkorrettezzi fl-Att tat-Twelid ta' bintu Sara bin-numru progressiv 5729 tas-sena 2014. In sintesi, huwa spjega li huwa ta' nazzjonalita' Sirjana madanakollu meta harab bil-bahar mill-Libja u dahal fl-Istat ta' l-Italja peress li fiz-zmien meta harab, fis-Sirja ma kienx ghad hemm glied, lill-awtoritajiet Taljani kien tahom dettalji hziena sabiex ikun jista jottjeni l-istat ta' refugjat. Fost dawn id-dettalji kien hemm ismu li huwa ndikah bhala dak ta' 'Abdesatar Khalil Khalaf' u l-post tat-twelid tieghu li huwa ndikah bhala dak ta' 'Bagdad Iraq'. Konsegwenza ta' dawn id-dikjarazzjonijiet inharget karta tal-identita' Taljan lilu b'dawn id-dettalji. Jispjega li fil-frattemp kien gie Malta u ufficcjalment kien ghad kellu biss il-karta tal-identita' Taljana. Kien ghalhekk li meta gie sabiex jirregistra lill-bintu minuri Sara d-dettalji tieghu tnizzlu hziena stante li d-dokumenti tieghu bid-dettalji t-tajbin ma kienux ghadhom gew registrati f'Malta u dan stante li skont ir-rikorrent il-proceduri sabiex jigi rikonoxxut bhala refugjat fejn fihom huwa indikat ismu proprju u d-dettalji tajbin kienu ghadhom ma nbdewx. Jixhed ukoll li apparti l-minuri nvoluta fir-rikors odjern, konsegwentement huwa kellu zewg ulied ohra li gew regisrati fuq ismu u kunjomu proprja (cioe' dak li permezz tal-proceduri

odjerni qed jintalab li jinghata lill-bint il-kbira) stante li fil-frattemp inghata l-istat ta' refugjat f'Malta bid-dettalji t-tajbin.

Ir-rikorrenti sabiex isahhu l-prova tal-identita' ta' Abdulsattar Al Mohamed u tal-kunjom li bih il-familja hija maghrufa resqu diversi xhieda fosthom Hussain Maaloul li xehed bil-procedura tal-affidavit a fol. 47 tal-process, Houssin Almisto li xehed bil-procedura tal-affidavit a fol. 48 tal-process u Hussein Ismail Dgheem li wkoll xehed bil-procedura tal-affidavit a fol. 49 tal-process. Barra dawn ix-xhieda, tressqu wkoll diversi dokumenti, fost ohrajn, karta tal-identita ta' Abdulsattar Al Mohamed tas-Syria a fol. 5 *et seq* tal-process, kopja ta' passaport antik tas-Syria ta' Abdulsattar Al Mohamed a fol. 7 *et seq* tal-process u kopja tal-family book ta' Abdulsattar Al Mohamed a fol. 13 *et seq* tal process li lkoll jindikaw lir-rikorrenti bl-isem ta' Abdulsattar Al Mohamed.

Illi b'referenza ghal *family book* li kopja tieghu giet ukoll esebita mill-attur waqt id-deposizzjoni moghtija fis-seduta ta' nhar is-26 ta' Gunju, 2018 a fol. 69 *et seq* tal-process giet nominata Nadia Lanzon sabiex tittraduci d-dettalji riferibbilment ghall-kunjom tal-attur mill-kopji esebiti. It-traduttrici Nadia Lanzon intavolat ir-rapport taghha nhar il-11 ta' Ottubru, 2018 a fol. 81 *et seq* tal-process fejn ikkonkludiet illi:

> 'KONKLUZZJONI
>
> Ghaldaqstant m'hemm l-ebda dubju li isem l-attur huwa **Abdulsattar** u li kunjomu huwa **Al Mohamed**. Ghaldaqstant kunjom il-minorenni ghandu jkun **Al Mohamad**.'

Illi in segwitu ghal kwistjoni li giet issollevata b'referenza ghal kitba tal-kunjom u cioe' jekk hux fil-verzjoni 'Al Mohamed' jew 'Al Mohamad' l-istess Nadia Lanzon resqet nota guramentata a fol. 118 u fol. 119 tal-process fejn iddikjarat li:

> '...Fil-fehma ta' l-esponent ikun ahjar li l-kunjom tal-wild ikun l-istess bhal kunjom il-missier u dan biex jigu evitati kumplikazzjonijiet iktar il-quddiem. Allura, f'dan il-kaz il-kunjom tal-wild ghandu jkun **AL MOHAMED**.'

Illi bhal ma nghad diversi drabi minn din il-Qorti, ghalkemm il-korrezzjoni tal-kunjom hija aktar imprekattiva minn dik tal-isem, l-Qrati m'ghadhomx japplikaw il-ligi b'rigorozita' stretta u f'certu kazijiet jigu awtorizzati korrezzjonijiet fil-kunjom jekk jintwera li kien rizultat ta' zball genwin u wkoll fl-interess tal-pubbliku in generali. Illi fil-kaz odjern jirrizulta li verament *ab inizio* id-dettalji l-hziena ta' missier il-minuri inghataw mill-istess missier u omm il-minuri. Irrizulta izda fl-atti li dan kollu kien rizultat tat-tragedja umana tal-immigrazzjoni fejn il-missier rikorrent sab ruhu f'sitwazzjoni fejn kellu jahrab minn pajjizu u wkoll mill-Libja u wasal fl-Italja fejn huwa indika isem u kunjom zbaljati sabiex ma jintbaghatx lura f'pajjizu. Jirrizulta ampjament pruvat li konsegwentement l-istess awtoritajiet Maltin irrikonoxxew lir-rikorrent missier bhala refugjat u dan bl-isem ta' Abdulsattar Al Mohamed u mhux bl-isem moghti lilu fil-karta tal-identita' Taljana tant li hut il-minuri involuta inghataw mill-awtoritajiet maltin il-kunjom ta' Al Mohamed u gew indikati bhala ulied Abdulsattar Al Mohamed (ara fol. 20 u 21). Illi din il-Qorti ghalhekk ghandha quddiemha stiwazzjoni fejn tlett minuri ahwa u ulied l-istess genituri gew registrati mal-awtoritajiet Maltin b'mod divers fis-sens li wahda minnhom tidher li ghandha missier b'isem divers u ghandha kunjom differenti minn dak ta' hutha daqs li kieku

mhijiex ohthom. Din certament mhijiex sitwazzjoni fl-ahjar interess tal-istess minuri li ma ghandha l-ebda tort fis-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha. Ukoll mhijiex sitwazzjoni li ghandha tippersisti fl-interess pubbliku in generali liema nteress ghandu wkoll jigi mhares fis-sens li l-ulied ghandhom lkoll ikunu pubblikament maghrufa bhala ulied l-istess missier bl-istess isem la darba dik hija verament is-sitwazzjoni u dan sabiex tigi evitata konfuzjoni inutli. Din il-Qorti tista' biss timmagina dak li tista' tigi mghoddija minnu l-minuri nnocenti (fosthom episodji ta' 'bullying' u konfuzjoni) kemm fl-iskola wkoll f'istituzzjonijiet ohra f'kaz li din is-sitwazzjoni tippersisti u ma tigix korretta b'mod immedjat.

Illi fir-rigward imbaghad il-kap tal-ispejjez, din il-Qorti taqbel mad-Direttur intimat li l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi m'ghandux ibati spejjez.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma dak hawn deciz, tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi :

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti hija maghrufa u ghandha tigi msejha bl-isem u l-kunjom 'Sara Al Mohamed';

2. Tilqa' t-tieni u t-tielet talba u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tar-rikorrenti Sara bin-numru 5729 tas-sena 2014 billi jigi

annotat li l-ismijiet li ghandha tigi msejha bihom huma 'Sara Al Mohamed' u mhux 'Sara Khalil Khalaf', in oltre fejn fic-certifikat huwa indikat Missier it-tarbija jigi kkancellat l-isem 'Abdesatar Khalil Khalaf' u jigi ndikat bhala 'Abdulsattar Al Mohamed' u jigu wkoll emendati d-dettalji konsegwenti tieghu fl-istess certifikat sabiex jirriflettu d-dettalji veri tieghu kif rikonoxxuti fic-certifikati tat-twelid ta' uliedu l-ohra bin-numri 6405 tas-sena 2015 (fol. 20) u 6332 tas-sena 2017 (fol. 21). Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha ohra mehtiega fl-atti fil-poter tad-Direttur intimat sabiex dak deciz minn din il-Qorti jkun rifless fl-atti civili kollha tal-minuri rikorrenti.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghar-ragunijiet suesposti ghandhom jigu nterament sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Settembru, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Settembru, 2020**